# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 296/2016 MH**

**Illum, 1 ta' Gunju, 2018**

**Solar Engineering Limited**

**Vs**

**Is-Socjeta' Sunsource & Co.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors datat 16 ta' Ottubru 2017 fejn is-socjeta' attrici talbet il-kjamat in kawza ta' David Tanti u Jason Tanti n kwantu huma socji fis-socjeta *en non collectif*, il-konvenuta mharrka u dan a bazi tal-principju illi dawn huma responsabbli n solidum ghad-dejn ta' l-istess.

Rat ir-risposta opositorja ta' l-imharka n kwantu tqies li din it-talba ma hi xejn hlief *fishing expedition* da parti ta' l-attrici.

Ikkonsidrat:

Illi kif ben hu saput u riassodat fil-gurisprudenza nostrali l-istitut ta' kjamat in kawza ma jistax jintuza biex jirrimedja zball fil-konfront ta' l-imharek gust.

Pero fil-fehma tal-Qorti dan mhux il-kaz u ghal dan taghmel referenza ghas-segwenti insenjament tal-Qorti ta' L-appell; "*Illi fil-fatt kif osservat fis-sentenza* ***"Anthony Bugeja vs Carmelo Agius et"*** *(A.C. – 4 ta' Ottubru 1991)"kwistjonijiet ta' responsabilita' huma distinti mill-elementi l-ohra tal-personalita' guridika u tar-rappresentanza, u meta dik id-distinzjoni ma tinzammx il-konsegwenti konfuzjoni ggib maghha wkoll konfuzjoni fis-soluzzjonijiet guridici". Dan huwa iktar relevanti meta fil-kaz ta' socjeta' en nom collectif fejn is-socji huma responsabbli fi grad illimitat ghad-djun u passivita' tas-socjeta, izda din irresponsabilita' mhijiex wahda solidali mal-istess socjeta u tapplika biss fejn l-assi tas-socjeta' ma jirrizultawx li huma bizzejjed sabiex jaghmlu tajjeb ghad-dejn taghha; izda dan bl-ebda mod ma jfisser li s-socji u l-istess socjeta' huma haga wahda, anzi jikkonfermaw li s-socjeta' ghandha personalita' guridika distinta mill-istess socji* **("*Michael J. Falla vs John H. Sorotos*")."[1]**

Ghalhekk tenut kont ta' din ir-responsabilta' kif pero spjegata fic-citazzjoni appena riferuta li  mhux wahda llimitata kif donnha timplika s-socjeta' attrici, biex jekk neccessarju l-gudizzju jkun wiehed komplet u integru u anke jigu evitati multiplicita' ta' kawzi**, tilqa t-talba u tordna l-kjamat n kawza ta' David Tanti ta' Flat 5, Summerfield Court, Triq il-Qawra, San Pawl il-Bahar u Jason Tanti ta' 18, St. Mary, Triq il-Konverzjoni, San Pawl il-Bahar.**

[1] Charles Attard noe. Et vs Maurice Attard; Appell 1149/1994/3; 03/02/1012

**Spejjez a karigu tas-socjeta' Attrici.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**